# Reġjun Tramuntana

112, Triq Ġulju,Bugibba San Pawl il-Baħar,SPB 2617

Email: regjun-tramuntana.dlg@gov.mt Tel:+35621572770


**Laqgħa Reġjonali Nru. 12 ta' 2024, miżmuma nhar il-Erbgħa, 21 ta' Awwissu 2024, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.**

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Angelo Micallef | Ħal Balzan | Viċi President |
| • Stefan Cordina | Ħ'Attard | Membru |
| • Gabriel Micallef | Il-Mellieħa | Membru |
| • Paul Vella | L-Imġarr | Membru |
| • Christopher Deguara | In-Naxxar | Membru |
| • Norbert Dalli | San Ġwann | Membru |
| • Vincent Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Dale Hayman | L-Imtarfa | Membru |
| | | |
| • Bjorn Bonello | Segretarju Eżekuttiv | |

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Joseph Gatt | Il-Mosta | Membru |

AĠENDA

**1.** Ittri ta' Apoloġija
**2.** Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.11
**3.** Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Annwali (AGM 2023)
**4.** Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President
**5.** Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilleri;
**6.** Aġġornamenti u diskussjoni;
6.1 Approvazzjoni ta’ l-Ittra rigward mankanzi relatati mal-ġbir tal-iskart
6.2 Aġġornament dwar l-inventarju u write-offs
6.3 Linji gwida dwar talbiet għall-fondi minn għaqdiet u individwi
6.4 Aġġornament dwar kuntratti ta’ Avukat, Perit, Accountant u Data Protection Officer
6.5 Aġġornament rigward il-proġett Ewropew BLUE GREEN Wellness Project
6.6 Korsijiet u Simulazzjoni dwar it-Tħejjija għad-Diżastri ffinanzjati mill-UE f'Diċembru taħt il-proġett Ewropew SYNERGIES
6.7 Aġġornament dwar it-tħejjija ta’sett Bollol – Reġjun Tramuntana
**7.** Affarijiet oħra
**8.** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti;
**9.** Aġġornament

---

Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fil-ħamsa u nofs (17.30) ta’ filgħaxija.

**1. Ittri ta’ Apoloġija**

Il-President Clifford Galea nforma li s-Sindki Dale Hayman u Stefan Cordina ser jingħaqdu fil-laqgħa aktar tard.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.11**

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa nru. 11 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-sur Christopher Deguara kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

**3. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Annwali (AGM 2023)**

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa annwali (AGM 2023) hekk kif miktuba mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku Perit Vincent Galea irrimarka li ma kienx hemm id-diskussjoni kollha rigward il-problema ta’ skart miktuba fid-dettal u b’hekk il-minuti ser jerġaw jiġu riveduti u jitilgħu għal-approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

**4. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President**

**4.1 Community Chest fund**

Waqt laqgħa li saret bejn il-membri tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, u l-Eċċelenza tagħha Myriam Spiteri Debono, saru diskussjonijiet fuq diversi temi, fosthom l-għajnuna li għandha bżonn il-Community Chest Fund. Il-President ħeġġeg lill-membri sabiex il-kunsilli jgħatu bi ħġarom l-għajnuna tagħhom fejn possibli.

**4,2 Dar Malta f'Brussell**

Il-President informa li kellu diskussjoni ma rapprezentanza ta' Dar Malta f'Brussell, fejn ġie nformat li t-tfal ta' familji Maltin li jgħixu fi Brussell jgħamlu użu tajjeb ħafna mill-librerija li tinsab fil-binja ta' Dar Malta. Il-President issuġerixxa li tingħata donazzjoni ta' kotba bil-malti li tammonta għal ċirka €100.

**4.3 Xogħolijiet infrastrutturali minn entitajiet differenti fil-lokalitajiet tar-reġjun**

Il-President informa li wara laqgħa informali ma' rappreżentant mis-settur tax-xogħlijiet pubbliċi, ġie nfurmat li se tiġi ppubblikata strateġija aktar tard din is-sena biex il-Kunsilli jkunu mgħejuna b'x-xogħlijiet f'kull lokalità. Kien hemm qbil li issir laqgħa mal- Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura, u x-Xogħlijiet Pubbliċi.

Ġie irrimarkat ukoll li frekwentament isiru xogħolijiet jew servizzi fil-lokalitajiet fejn il-kunsill lokali ma jkunx informat bihom. Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li tintbgħat ittra formali lill kull entita' partikolarment lid-Diviżjoni għat-Tindif u l-Manutenzjoni u it-tourism zones foundation sabiex lill-kunsilli lokali li fihom joperaw regolarment jgħatuhom preavviz raġjonevoli tat-toroq/żoni li ser ikopru qabel dan iseħħ. Kien hemm qbil li din l-istqarija għandha ssir mir-reġjun għan-nom tal-kunsilli rispettivi.

Il-Viċi President Dott.Angelo Micallef ingħaqad fil-laqgħa fis-sitta (18.00) ta' filgħaxija.

**4.4. Rinnovazjoni fir-reception u l-ufficju tar-Reġjun Tramuntana**

Il-President informa li wara diskussjoni li saret fil-laqgħa ta' Lulju 2023 u diskussjonijiet oħrajn, ġew approvati xogħolijiet sabiex isir tqassim aħjar ta l-ufficju tar-regjun. Saret sejħa għal kwotazjonijiet, intgħazlet l-orħos konformi fost tlett kwotazjonijiet u ix-xogħolijiet b'dew din il-ġimgħa u mistenijien li jkunu lesti matul l-ewwel ġimgħa ta' Settembru. Minħabba budget limitat, għalissa ser isiru biss xogħolijiet ghat tqassim ta' reception aħjar fejn takkomoda aktar impjegati kif ukoll l-uffiċju ta' wara r-reception sabiex il-managers ikollhom post fejn jaħdmu li s'issa ma kellhomx. L-ispiza għax xogħolijiet infrastrutturali ser tammonta għal madwar €3,900. Is-Segretarju Eżekuttiv informa ukoll li kien hemm ħsarat estensivi taħt il-madum kif ukoll ħsarat tal-ilma minn terżi. Minħabba li nstabu dawn il-ħsarat ser tiġi nformata il-kumpanija tal-assigurazjoni sabiex tkopri dawn jew parti mill-ispejjeż.

**4.5. European Week of Regions and Cities**

Il-President irringrazzja lill Kunsilli tal-Mellieħa, l-Imġarr, l-Imtarfa u Ħal Balzan fejn dawn ser ikunu rappreżentati ġewwa Brussel fil ġimgħa ta' bejn is -7-10 ta' Ottubru 2024. Informa, li s-Segretarju Eżekuttiv ser jerġa jibgħat imejl bil-link tal-workshops sabiex il-parteċipanti ikunu jistgħu jirreġistraw minn qabel għal dawn il-workshops. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jiddiskuti mal-parteċipanti sabiex ikun hemm għazla kordinata tal-workshops. Informa wkoll li għalkemm l-ispejjeż tal-vjaġġ u l-akkomodazzjoni ser ikunu imħalsin mir-reġjun dan ma jkoprix il per diem.

**4.6. CCTV Cameras**

Il-President għamel referenza għal minuti tal-laqgħa li għaddiet, u fakkar lill-membri li min huwa interessat għadu fil-ħin li jibgħat korrispondenza rigward lokazjonijiet ta' CCTV cameras fil-lokalitajiet rispettivi. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla billi nforma lill-membri li hemm allokazzjoni ta' tlett CCTV cameras għal kull lokalita, iżda jekk ikun hemm bżonn partikolari fejn kunsill irid aktar minn tlieta jista jkun hemm l-arranġament meħtieġ fit-tender u kull CCTV addizzjonali titħallas mill-Kunsill rispettiv.

**4.7. Aġġornament Maniġer tal-Kultura**

Il-President informa li sa ftit tal-ġimgħat ilu r-reġjun baqgħa jirċievi korrispondenza m’għand iż-żewġ applikanti għal pożizzjoni ta’ maniġer tal-kultura, waħda mill-korispondenza kienet minn l-Ombudsman fejn ir-reġjun ġie mitlub d-dokumentazzjoni tal-proċess ta’ l-għażla. Is-Segretarju Eżekuttiv issotometta din l-informazzjoni kif mitluba, kif ukoll flimkien mal-President iddiskutew kif ser jirispondu lill-applikant l-ieħor. Ġie nnotat li l-applikant li kellem lir-reġjun direttament sab ir-risposta sodisfaċenti u jidher li l-kwistjoni ser tieqaf hawn. Aġġornamenti dwar il-kas tal-ombudsman ser jingħataw malli jkun hemm żviluppi ġodda..

**4.8. Kuntratti/Kjarifiċi rigward xiri ta’ oġetti jew servizzi**

Il-President informa lill-membri li r-reġjun qiegħed fil-proċess li jirrevedi il-kuntratti kollha eżistenti. Irriżulta li bosta minnhom huma skaduti u baqgħu jitħalsu, fosthom servizz ta’ internet u mobile phone. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn l-kumpaniji ser jiġu nformati sabiex dawn jiġu konformi mal-liġi u jagħtu valur miżjud lill-fondi pubbliċi.

**4.7. Malta Libraries**

Il-President informa li saru diskussjonijiet mal-Malta Libraries fejn is-Segretarju Eżekuttiv talab li r-reġjun jingħata l-istħarriġ li għamlet il-Malta Libraries sabiex ir-reġjun jiffoka l-għajnuna tiegħu fejn meħtieġ. Is-Segretarju Eżekuttiv qassam lill-membri kopja ta’ ftehim ta’ kollaborazjoni biex il-membri ikollhom ċans jixtarruħ flimkien mal-membri l-oħra tal-kunsilli rispettivi, kif ukoll informa li ser tintbgħat aktar informazjoni rigward is-suġġett. Żied jgħid li fir-reġjun għandna tmien libreriji u dan għaliex fil-lokalita ta Ħal Balzan m’hemmx librerija.

Is-Sindku Stefan Cordina ingħaqad fil-laqgħa fis-sitta u nofs ta’ filgħaxija (18.30).

**4.8. E Skills Malta Foundation - Digital Skills Senior Citizens**

Il-President informa li saret talba lir-reġjun għal għajnuna biex isiru korsijiet lill-anżjani minn E-Skills Malta Foundation. Dan il-kors huwa mifrux fuq numru ta’ ġimgħat. Kull kunsill huwa mitlub li jgħatina indikazzjoni ta’ swali disponibbli fil-lokalitajiet rispettivi fejn jistgħu jinataw dawn il-korsijiet speċjalment dawk li għandom Active Ageing Centres. Is-Sindku Perit Vincent Galea staqsa dwar il-ħinijiet ta’ dawn il-korsijiet u ġie informat li dawn huma diskutibli, iżda probabli isiru matul il-ħinijiet ta’ l-active ageing centres. Is-sindku Gabriel Micallef talab li tintbgħat l-informazzjoni relatata.

**4.9. MSSA Sport Festival**

Il-President informa li wara li s-Segretarju Eżekutiv għamel riċerka fuq dak li intnefaq għal Street Festival li kellu jiġi iffinanzjat minn fondi tac-CIF (Community Initiatives Funds) instgħab li kien hemm ammonti konsiderevoli li jaqbzu bil-bosta l-€10,000. Minħabba nuqqas ta’ trasparenza f’dak li huwa proċedura ta’ akkwisti ta’ oġetti u servizzi id-divisjoni tal-gvern lokali kienet ħadet lura €60,000 wara li l-proġett li għalih kienu intizi dawn il-flus mhux talli ma materjalizaxx iżda lanqas beda. B’hekk għalkemm ir-reġjun ma jeskludiex li fil-futur jikkolabora ma’ din l-għaqda fil-preżent ma’ jarax il-possibilta li jonfoq aktar fondi pubbliċi għal dan il-għan. Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Kuntatt ser jgħaddi lill kunsilli sabiex jikominikaw miegħu dirett jekk ikun hemm il-ħtieġa li isiru avvenimenti. Il-President talab lill membri sabiex jinfurmaw u jinvolvu lir-reġjun f’dawn it-tip ta’ avvenimenti. Is-Sindku Gabriel Micallef talab biex jingħata il-kuntatt tal-għaqda għal possibilita li jsir skatepark żgħir ġewwa Selmun.

**4.10.Theatre4All**

Il-President informa li kellu laqgħa flimkien mas-sur Ryan Grech u s-Segretarju Eżekuttiv fejn kellhom introduzzjoni u diskussjoni ta' kollaborazzjoni. Ser tintbgħat skeda preparata mis-Sur Galea fuq workshops li jistgħu jkunu ta' interess u li għalihom jistgħu jintuzaw il-fondi tal-kultura mgħotija minn dan ir-reġjun. Il-proġetti tas-Sur Galea ġew ukoll mgħodija lis-Sna Formosa (Creative Director) li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv qed jaħdmu fuq il-proġett kulturali li għalih ir-reġjun ġab fondi mill-Arts Council Malta, biex jesploraw il-possibilta li jiġu intergrati dawn il-proġetti flimkien.

**4.11.Tours Teatrali – Jeremy Grech**

Il-President informa li laqgħa simili saret mas-Sur Jeremy Grech artist lokali li jorganizza tours teatrali. Il-President flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv urew ix-xewqa ta' kollaborazjoni biex jiġu organizzati attivitajiet f'kull lokalita biex inkomplu nipromwovu xi aspett/i partikolari tal-lokalitajiet ta' dan ir-reġjun. Kif l-informazzjoni kollha tkun disponibbli ser titella fil-laqgħa għad-diskussjoni. Il-President ħa l-opportunita biex iħeġġeġ lill membri jaħsbu fuq aspetti storiċi marbuta mal-identita tal-lokal.

**4.12.Aġġornament dwar il-problema tal-ħamiem u ġrieden**

Il-President informa li wara li saret talba mil-membri saret sejħa għal kwotazjonijiet li ngħalqet u l-informazjoni ser tiġi ċirkolata bejn il-kunsilli. Is-Segretarju Eżekuttiv informa ukoll li ser jibda il-proċess biex bye laws relatati ma ħamiem jiġu armonizzatti mar-reġjun kollu. Ħeġġeġ lill membri jinformaw lir-reġjun bl-informazjoni ta' siti fejn hemm dan it-tip ta' inkonvenjent.

**4.13.Avveniment tal-boxing fin-Naxxar**

Il-President informa li r-reġjun irċieva talba għal għajnuna finanzjarja biex isir avveniment sportiv (Boxing) fil-Pjazza tan-Naxxar. Filwaqt li ir-reġjun dejjem lest jgħin attivitajiet sportivi saret laqgħa mal-organiżżaturi biex tinġabar aktar informazjoni fuq din l-attivita. Ir-Reġjun għen kemm seta imma finalment minħabba li l-informazzjoni li ngħatat ma kinitx sħiħa u fil-ħin wara li saru it -talbiet għal kwotazjonijiet l-għajnuna ġiet ridotta drastikament mit-talba ta' €4,500 għal ammont ta' circa €1,700.

**4.14 Malta Football Association**

Il-President informa li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mas-Segretarju Ġenerali tal-Malta Football Association biex jkun hemm possibilita ta' kollaborazzjoni.

**5. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilleri;**

**5.1.** Is-Sindku Perit Vincent Galea ssuġerixxa li għal laqgħa li jmiss jitnizlu l-punti dettaljati tal-kommunikazzjoni u korrispondenza mill-President.Il-President qal li din it-talba ser tiġi kkonsidrata.

**5.2.** Il-Kunsillier Norbert Dalli talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tintbgħat il-lista tal-Holiday Apartments tal-lokalita ta' San Ġwann. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ser tintbgħat wara l-laqgħa.

Is-Sindku Dale Hayman ingħaqad fil-laqgħa fis-sebgħa ta' filgħaxija (19.00)

.

## 6. Aġġornamenti u diskussjoni;

### 6.1. Approvazzjoni ta’ l-Ittra rigward mankanzi relatati mal-ġbir tal-iskart

Il-President għamel referenza għal l-ittra li nkitbet mis-Segretarju Eżekuttiv rigward il-mankanzi relatati mal-ġbir tal-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-kummenti li irċieva minn għand il-membri ser jiġu kunsidrati fl-ittra u sakemm il-membri ma isibux oġġezzjoni din l-ittra ser tintbgħat lill-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart. Il-Viċi President Angelo Micallef ippropona u ġie ssekondat mis-Sindku Christopher Deguara. Kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku Perit Vincent Galea irrifera għal fatt li l-ġabra tal-boroż is-suwed li ssir it-Tlieta u s-Sibt mhiex biżejjed u ssuġerixxa li l-Kunsilli jingħaqdu u jmexxu din it-talba. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ġa la darba hemm tender fis-seħħ irid jinħadem hekk skond kif mitlub iżda l-mankanzi li għandu l-kuntrattur f’dan ir-rigward jistgħu jiġu indirizati u b’hekk ser tintbgħat l-ittra.

**a)** Wara diskussjoni li saret bejn il-membri rigward it-talba mil-ERA relatata mal-kwoti ta’ Bring In sites, il-Viċi President Angelo Micallef irrimarka l-fatt li fil-lokalita ta’ Ħal Balzan m’hemmx spażju miftuħ biex jitpoġġew dawn il-Bring In Sites, filwaqt li s-Sindku Stefan Cordina ikkumenta li sakemm dawn il-Bring In Sites ma jiġux imnadfa mil-listess PRO huwa kontra l-idea li jiġu allokati f’ Ħ’Attard. Ittieħdet deċizjoni li r-reġjun għandu jieħu pozizzjoni uffiċjali rigward it-talbiet tal-ERA li f’dan l-istadju huma prematui la darba il-ftehim mal-PROs fuq il-ħlasijiet dovuti għadu mantlaħaqx.

### 6.2. Aġġornament dwar l-inventarju u write-offs

Il-President beda billi aġġorna lill-membri li l-għodda li kien hemm il-Mellieħa Scouts Group issa ġiet irritornata fil-garage tar-reġjun. Għamel referenza għal l-inventarju li sar li jammonta għal aktar minn €30,000. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-għodda kollha qed tiġi iċċekjata u ssugerixxa li dik l-għodda li ma taħdimx kif ukoll oġetti li huma imkisrin jitnizlu bħala write-offs u jiġu mormija. Kien hemm qbil li dan isir.

### 6.3. Linji gwida dwar talbiet għall-fondi minn għaqdiet u individwi

Il-President informa l-membri li saru linji gwida mis-Segretarju Eżekuttiv bħala għajnuna rigward proċess ta’ talbiet għall-fondi minn għaqdiet u individwi sabiex ikun hemm konformita bejn il-kunsilli kollha. Barra minn hekk il-kunsilli jkollhom linji gwida li l-informazzjoni tkun miġbura kif suppost. Dawn il-linji gwida ser jintbgħatu lil kunsilli rispettivi tar-reġjun.

### 6.4. Aġġornament dwar kuntratti ta’ Avukat, Perit, Accountant u Data Protection Officer

Il-President għamel referenza għal kuntratti skaduti ta’ servizzi varji li jeħtieġ ir-reġjun. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li flimkien mad-divizjoni qedin jipreparaw linji gwida biex jinħarġu sejħa għal kwotazjoni għal dawn is-servizzi sakemm jinħadem u jinħareġ it-tender. Is-Sindku Paul Vella irrimarka li fil-kas ta’ servizz ta’ avukat tar-reġjun ikun preferibbli kumpanija ta’ avukati li tista’ tgħti parir speċjalizzat fuq oqsma differenti tal-liġi. Is-Sindku Perit Vincent Galea propona li minflok tinħareġ sejħa għal kwotazjonijiet jinżamm is-servizz prezenti sakemm jinħareġ it-tender. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan mhuwiex possibli minħabba li mhux kollha isegwu proċedura mitluba mil-liġi.

**6.5. Aġġornament rigward il-proġett Ewropew BLUE GREEN Wellness Project**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li bejn it-23 u is-27 ta’ Settembru 2024, li tinserta ukoll il-World Sports Week ser issir ġimgħa ta’ attivita għal anzjani u nies inattivi. Dawn l-attivitajiet ser isiru f’kull lokalita u ħeġġeġ lill-membri ikunu parti u ta’ sostenn għal dawn l-attivitajiet li ser isiru.

**6.6. Korsijiet u Simulazzjoni dwar it-Tħejjija għad-Diżastri ffinanzjati mill-UE f'Diċembru taħt il-proġett Ewropew SYNERGIES**

Il-President informa li l-proġett SYNERGIES huwa proġett li jipprepara lir-reġjun għal iventwalita ta’ terremot. Ser isiru korsijiet għal komunita dwar it-tħejjija għad-diżastri u f’Diċembru ser issir simulazzjoni bil-parteċipazzjoni ta’ korpi dixxiplinati u dawk tal-emerġenza. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel talba lill-istakeholders tal-proġett SYNERGIES biex jiġu ffinanzjati dawn l-għanijiet.

**6.7. Aġġornament dwar it-tħejjija ta’sett Bollol – Reġjun Tramuntana**

Wara li saret laqgħa bejn is-Segretarju Eżekuttiv u rapprezentanti tal-MaltaPost ġie diskuss li jiġi propost li r-reġjun jgħamel sett ta’ għaxar bollol b’ritratt minn kull lokalita u l-arma tar-reġjun. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Maltapost issuġerew fotografu b’esperjenza f’dan il-qasam. Wara kommunikazzjoni ma dan il-fotografu s-Segretarju Eżekuttiv ġie mgħarraf li għal dan ix-xogħol il-kummisjoni ser tiswa madwar €900. Intqal ukoll li kull pakkett ta’ bollol sħiħ ser jiswa s-somma ta’ ċirka €20. Segwiet diskussjoni rigward is-servizz ta’ fotografija fejn kien hemm qbil li jintuża fotografu wieħed sabiex jieħu r-ritratti meħtiega ta’ kull lokalita. Fuq proposta tal-President Clifford Galea issekondata mill-Viċi President Dott Angelo Micallef kien hemm qbil unanimu.

**7. Affarijiet oħra**

Ma kien hemm xejn diskuss f’dan il-punt

**8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ Pagamenti;**

Il-President ressaq għall-approvazjoni, l-iskeda ta’ pagamenti Numru 178 għall-perjodu ta’ bejn l-24 ta’ Lulju 2024 u l-14 ta’ Awwissu 2024. L-Iskeda mmsemmija ġiet approvata mill-proponent Sindku Stefan Cordina u issekondata mil-Viċi President Dott. Angelo Micallef. Il-membri qablu unanimament.

**9. Aġġornament;**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-tmienja nieqes kwart (19.45) ta’ filgħaxija. Il-membri qablu unanimament li s-seduta li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 18 ta’ Settembru 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Clifford Galea | Bjorn Bonello |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati illum l-Erbgħa, 18 ta’ Settembru 2024